MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Numru 227/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 26 TA' GUNJU 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**KONTRA**

**MOUSAB ALMATNI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mousab Almatni ta' 38 sena, bin Noureldin u Raifa nee' Sirja, mwieled Sirja nhar it- 2 ta' Settembru 1971, u residenti fil-fond 89 , Triq l-Mdina, Qormi, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 27168(A);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

Fis- 17 ta' Marzu 2008 ghal habta ta' 7.30am waqt li kont fi Vjal Santa Lucija Paola;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta tharis tar- regolamenti fil-waqt li kien qieghed isuq u/jew kellu fil-kontroll tal- vettura bin- numru JAS 653 ta' ghamla Hyundai ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il- persuna ta' John Owen Carabott minn Zabbar skont ma ccertifika Dr. Philip Dingli Reg 5083 tal- Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal- artikoli 226(1) (b), 216 (1) (d) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

2. Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza

3. Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'giri aktar minn li jmissu

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi mil-provi prodotti, din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghall-incident in kwistjoni, l-anqas that id-dutrina

ta’ negligenza kontributorja da parti tieghu. L-incident mertu ta’ din il-kawza sehh meta l-vittma, John Owen Carabott, qasam it-triq il-wiesgha ta’ fejn ic-Cimiterju tal-Addolorata, Vjal Santa Lucija. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu, Hyundai JAS 653 fid-direzzjoni mil-Marsa tiela’ lejn Santa Lucija u wasal f’salib it-toroq fejn it-“traffic lights” jikkontrollaw il-vetturi nezlin minn fejn ix-“shipbuilding” u jaqsmu t-traffiku tiela’ mil-Marsa, minn fejn gie l-imputat. Hekk kif ghadda dawn id-dwal qabad u qasam il-vittma u ntlaqat mill-imputat. Mid-dinamika tal-incident u mill-verzjonijiet moghtija kemm minn Carabott kif ukoll mill-imputat, il-Qorti hi aktar propensa temmen dik moghtija mill-istess imputat. L-ewwel nett, Carabott ma kien car xejn fix-xiehda tieghu, tant li l-Qorti ppruvat tifhem minn fejn ezatt hu qasam, ghax baqa’ jinsisti li ghalkemm ma setax jara t-“traffic lights” minn fejn kien, hu qal li ra vetturi wieqfa maghhom u allura assuma li d-dwal kienu homor, u ghalhekk qasam. Hu kompla jghid li l-vettura tal-imputat baqghet ghaddejja minn wara dawn il-vetturi, qasmet fuq dawl ahmar u tajjritu. It-tieni, l-imgieba tieghu fuq il-pedana tax-xhieda ma kienet konvincenti xejn, peress illi l-Qorti baqghet tistaqsih ezatt minn fejn qasam u kif qasam u Carabott baqa’ jaghti spjegazzjonijiet nebuluzi ghall-ahhar.

Oltre dan, id-dinamika tal-incident u l-iskizz esebit mill-prosekuzzjoni aktar jissostanzjaw il-verzjoni moghtija mill-imputat. Dan xehed in difesa li hu kien ghaddej minn dik it-triq, id-dwal kienu hodor u ma kienx hemm vetturi wieqfa quddiemu u ghadda minn fuq id-dwal hodor, izda kif ghamel hekk, ra lil Carabott jaqsam jigri u ma lahaqx evitah kompletament izda lahaq biss idawwar ftit kemm ma jolqtux b’impatt frontali. Illi ghalhekk l-imputat gie rinfaccjat b’sitwazzjoni ta’ “sudden emergency” li la kellu kontroll fuqha u l-anqas ma kkontribwixxa ghaliha b’xi mod bi traskuragni jew nuqqas iehor. Anzi, il-Qorti hi tal-fehma li l-incident sehh unikament tort ta’ Carabott, li kien imissu qaghad hafna aktar attent kif jaqsam minn triq bhal dik.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 226(1) (b), 216(1) (d) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ir-Regolament 127 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 (LS 65.11, MVR);

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmi imputat Mousab Almatni hati u ghal daqstant tilliberah.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------